**KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR**
Triq il-Profs. Ġużè Aquilina
Il-Munxar MXR1012

**Laqgħa Numru 42/15(26_01_15).**

Minuti tal-laqgħa ta' nhar t-Tnejn, 26 ta' Jannar 2015, miżmuma fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali, Il-Munxar.

Il-Kunsill iltaqa' fis-7.00 ta' filgħaxija.

Preżenti għal din il-laqgħa:

Is-Sur Joseph Sultana - Sindku.
Is-Sur Ryan Debrincat - Viċi-Sindku.
Is-Sur Saviour Spiteri - Kunsillier.
Is-Sur Robert Mallia - Kunsillier.
Is-Sinjura Carmen Said - Kunsillier.

Is-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv.

Skużat kien hemm is-Sur Paul Parnis - Ambaxxatur Lokali għaż-Żgħażagħ.

Il-Kunsill segwa l-Aġenda li ntbagħtet fit-22 ta' Jannar 2015.

1. Offerti għal xogħlijiet fil-Munxar u Ix-Xlendi.
2. Proposti għal proġetti kapitali fil-lokalitajiet.
3. Estimi Finanzjarji 2015.
4. Karnival fil-Munxar 2015.
5. Il-Laqgħa tal-Lokalità 2015.
6. Applikazzjoni għall-pożizzjoni ta' Skrivan/a.
7. Xogħlijiet li qed isiru fil-Lokalità.
8. Rapport tas-Sindku.
9. Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.
10. Mistoqsijiet mill-Kunsilliera.
11. Materji oħra.

Il-Minuti tal-laqgħa preċidenti ttieħdu bħala moqrija u ġew iffirmati.

**1.00 Offerti għal xogħlijiet fil-Munxar u Ix-Xlendi.**

1.01 Il-Kunsill ser joħroġ sejħa għall-offerti għall-knis ta' toroq fil-Munxar u fix-Xlendi.

Il-kuntrattur ser jintalab sabiex il-knis fil-Munxar isir hekk:

Matul is-sena kollha, kuljum mit-Tnejn sas-Sibt, il-kuntrattur irid jiknes dawn it-toroq:
1. Triq Santa Dminka
2. Triq il-Profs. Ġużè Aquilina
3. Triq il-Madonna tal-Karmnu
4. Pjazza tal-Knisja

Il-kumplament tat-toroq tal-Munxar għandhom jinkinsu nofs kuljum (mit-Tnejn sas-Sibt) billi l-kuntrattur jiknes nofshom f'ġurnata u n-nofs l-ieħor l-għada.
Il-ħin tal-knis għandu jkun fin-nofstanhar ta' filgħodu.

Il-kuntrattur ser jintalab sabiex il-knis fix-Xlendi jsir hekk:

Fix-xitwa, fil-perjodu ta' bejn l-1 ta' Ottubru u t-30 ta' Ġunju, mit-Tnejn sas-Sibt il-kuntrattur irid jiknes nofs it-toroq tax-Xlendi kuljum, billi jiknes nofshom f'ġurnata u n-nofs l-ieħor l-għada. Il-knis fil-*parking* ta' Pjazza l-Anfori u t-tindif tal-*litterbins* kollha tax-Xlendi jridu jsiru kuljum (mit-Tnejn sas-Sibt).

Fis-sajf fil-perjodu ta' bejn l-1 ta' Lulju u t-30 ta' Settembru, il-kuntrattur irid jiknes it-toroq kollha u l-*parking* kuljum, inkluż il-Ħdud u Festi Pubbliċi. It-tindif tal-*litterbins* kollha jrid isir kuljum, inkluż il-Ħdud u Festi Pubbliċi.
Il-ħin tal-knis għandu jibda bejn is-6.30 ta' filgħodu u s-7.00 ta' filgħodu.

1.02 Il-Kunsill ser joħroġ sejħa għall-offerti għall-ġbir ta' skart imħallat fil-Munxar u Ix-Xlendi. Il-kuntrattur ser jintalab sabiex iżomm l-istess ġranet u ħinijiet li għandna bħalissa, jiġifieri:
Fil-Munxar matul is-sena kollha l-ġbir isir kull nhar ta' Tnejn, Erbgħa, Ġimgħa u Sibt inkluż meta xi ġurnata minn dawn taħbat Festa Pubblika. Il-ġbir għandu jibda fit-8.00 ta' filgħodu.

Fix-Xlendi l-ġbir isir kull nhar ta' Tnejn, Erbgħa, Ġimgħa u Sibt inkluż meta xi ġurnata minn dawn taħbat Festa Pubblika. Il-ġbir għandu jibda fit-8.30 ta' filgħodu. Fil-perjodu ta' bejn Lulju u Settembru jsir ġbir ta' skart ukoll nhar ta' Tlieta u l-Ħamis, inkluż meta xi ġurnata minn dawn taħbat Festa Pubblika. Ser isir ġbir ta' skart ukoll il-Ħadd, mill-ewwel Ħadd ta' Lulju sal-aħħar Ħadd ta' Settembru. Il-ħin ikun fid-9 ta' filgħodu.

**2.00 Proposti għal proġetti kapitali fil-lokalitajiet.**

2.01 Il-Gvern waqqaf Bord tal-Għażla fi ħdan il-Ministeru tal-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali biex jevalwa l-pjanijiet kapitali tal-Kunsilli Lokali b'mod ħolistiku qabel issir id-deċiżjoni tal-Finanzjament. Qed jiġi wkoll stabbilit Fond għal dan l-iskop. Għaldaqstant, il-Gvern qiegħed jitlob lill-Kunsilli Lokali biex jissottomettu proposti dettaljati għall-proġetti kapitali l-aktar urġenti fil-lokalitajiet tagħhom. Proġett diġà mibdi hu eliġibbli wkoll. Ser tingħata konsiderazzjoni debita lil dawk l-inizjattivi li b'suċċess jirnexxilhom jikkontribwixxu ritorn finanzjarju. Fil-proposti għandhom jiġu identifikati forom differenti ta' mekkaniżmi ta' finanzjament li jistgħu jeżistu flimkien mal-finanzjament li se jkun disponibbli mill-Gvern Ċentrali. Il-Kunsilli Lokali huma mistiedna wkoll biex jossottomettu proposti li l-għan tagħhom ikun li jżidu valur għall-aspett soċjali tal-lokalitajiet rispettivi tagħhom.

Fl-evalwazzjoni tal-proġetti li se jiġu sottomessi, il-Bord tal-Għażla ser jagħti konsiderazzjoni li dawn il-fatturi:

a) Il-valur miżjud tal-proġett għal-lokalità
b) L-involviment tas-settur privat fit-twettiq tal-proġett kapitali
c) Il-kontribut finanzjarju li ser iħalli lill-Fond
d) Kif il-proġett ser jindirizza l-miżuri tal-Gvern
e) Is-sostenibilità ta' dan il-proġett, u
f) Il-qagħda finanzjarja tal-Kunsill Lokali

Il-Kunsill iddeċieda li l-proposta tiegħu għandha tkun it-tkomplija tal-proġett tal-Pjazza tal-Knisja – *Pedestrianising Il-Munxar's village square* – it-Tielet Fażi. Il-Kunsill qed jippjana li l-kontribut tal-Gvern għat-twettiq ta' dan il-proġett ser ikun ta' €500,000 fl-2015 u €100,000 fl-2016.

**3.00 Estimi Finanzjarji 2015.**

3.01 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta abbozz tal-Estimi Annwali 2015. L-Allokazzjoni Finanzjarja għas-sena li tagħlaq fil-31 ta' Diċembru 2015 għall-Kunsill Lokali Il-Munxar se tkun ta' €216,826 li minnha huwa kkalkulat li €92,401 ser ikunu allokazzjoni għall-Kumitat Amministrattiv Ix-Xlendi. Ma' din l-allokazzjoni huwa kkalkulat li d-dħul minn permessi u *photocopies* ikun ta' €3,000 li minnhom hemm €1,500 mix-Xlendi. Dħul mix-Xlendi ser ikun hemm ukoll €2,950 mill-kera tal-*kiosk*. Emolumenti Personali għas-sena sħiħa ser ikunu €75,114 li minnhom hemm €32,297 għall-Kumitat Amministrattiv Ix-Xlendi. Qed isir estimu ta' €145,788 għal spejjeż ta' kuntratti u manutenzjoni fejn €63,997 ser jintefqu direttament fil-Bajja tax-Xlendi.

**4.00 Karnival fil-Munxar 2015.**

4.01 Din is-sena l-Karnival fil-Munxar ser isir is-Sibt, 14 ta' Frar 2015 fis-1 ta' waranofsinhar. Din is-serata ser issir fil-Pjazza tal-Knisja u ser tkun ippreżentata mill-Kav. Joe M Attard. Ser ikun hemm danez mit-tfal tal-iskejjel, danez minn gruppi tal-kbar, maskeruni u danez *hilarious*.

**5.00 Il-Laqgħa tal-Lokalità 2015.**

5.01 Skont l-artiklu 70 tal-Att dwar il-Kunsilli Lokali (Att Nru. XV tal-1993), se jsiru żewġ laqgħat pubbliċi annwali nhar it-Tnejn, it-23 ta' Frar 2015.

- Il-laqgħa għall-persuni mill-Munxar li isimhom jidher fl-aħħar Reġistru Elettorali għall-Kunsill Lokali Il-Munxar se ssir fil-5.00pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali, Triq il-Profs. Ġużè Aquilina, Il-Munxar.

- Il-laqgħa għall-persuni mir-raħal żgħir tax-Xlendi li isimhom jidher fl-aħħar Reġistru Elettorali għall-Kunsill Lokali Il-Munxar se ssir fis-6.00pm fil-Lukanda St. Patrick's, Ix-Xlendi.

Il-persuni kollha li jidhru fir-Reġistru Elettorali Lokali huma mħeġġa li jattendu għal din il-laqgħa u jipparteċipaw fid-diskussjoni. Waqt il-laqgħa jingħata rendikont tar-rapport tax-xogħlijiet li saru mill-Kunsill matul l-2014. Il-membri tal-pubbliku li jattendu l-laqgħa jistgħu jressqu s-suġġerimenti tagħhom.

**6.00 Applikazzjoni għall-pożizzjoni ta' Skrivan/a.**

6.01 Il-Kunsill ser ikompli bil-proċess sabiex jiġi impjegat skrivan/a *full-time* mal-Kunsill. Għaldaqstant ser jiltaqa' l-Bord tal-Għażla sabiex isir *short listing* tal-applikanti.

**7.00 Xogħlijiet li qed isiru fil-Lokalità.**

7.01 Il-Kunsill għadu kemm waħħal *bollards* viċin iz-zuntier tal-Knisja sabiex iservu ta' gwida bejn it-triq u l-parti pedonali. Ħaddiema tas-CMU bdew ix-xogħol fil-bini tal-ħajt tas-sejjieħ fil-passaġġ li jagħti għall-Mitħna Sotterranja tax-Xlendi. Il-Kunsill qed jipprovdi l-ġebel tas-sejjieħ.

**8.00 Rapport tas-Sindku.**

8.01 Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-ġabra li saret mill-Kunsill u l-Parroċċa għall-Istrina 2014 laħqet is-somma ta' €1,000. Din il-ġabra saret billi tqassmu *envelops* f'kull dar fil-Munxar u tpoġġiet kaxxa fil-Knisja u oħra fil-Kunsill.

8.02 Is-serata ta' Jum Il-Munxar saret kif kien ippjanat u s-serata kienet suċċess.
Il-*booklet*, *leaflet* u *map* tal-proġett ta' 323 u 313 huma lesti u sar qbil li kopja ta' kull kopja li ġiet ippubblikata titqassam lil kull dar fil-Munxar u Ix-Xlendi.
Peress li ħaddiem li jiftaħ il-latrini ta' Ġnien il-Professur Ġużè Aquilina kien telaq lura għal mad-Dipartiment, il-Kunsill qed jistenna ħaddiem ieħor mill-IPSL.

8.03 Is-Sindku ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li kien irċieva żewġ ilmenti dwar il-wiċċ tat-tarmak li sar mill-Kunsill fi Triq Ta' Rinota u Triq l-Andrijiet. Fi Triq Ta' Rinota resident qed jilmenta li quddiemu qed iżomm l-ilma. Ilment ieħor ġej mingħand sid ta' għalqa fi Triq l-Andrijiet li qed jilmenta li l-bokka tal-*culvert,* li min-nofs it-triq issa tpoġġiet fil-ġenb tat-triq, ma hijiex tilqa' l-ilma u ma huwiex jidħol ilma fil-ġiebja. Għalhekk, is-Sindku qed jissuġġerixxi li hemm bżonn li ssir *gutter*. Is-Segretarju Eżekuttiv kien ikkuntattja lill-Perit Saliba dwar l-ilment ta' Triq Ta' Rinota u infurmah li qed iżomm l-ilma minħabba li saru xi rampi 'l isfel mill-bankina li qegħdin iwaqqfu l-ilma milli jgħaddi. Is-Sindku kien ser jerġa' jkellem lill-perit.

**9.00 Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.**

9.01 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-kuntratt li għandu mal-Perit William Lewis se jiskadi fl-24 ta' Jannar 2015. Peress li baqa' l-proġetti tal-EU għadhom ma humiex konklużi, qed jiġi ssuġġerit li dan il-kuntratt jiġġedded għal sitt xhur oħra. Kien hemm qbil dwar dan.

9.02 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-abbozz tal-ftehim ta' Green MT fir-rigward ta' skart tal-ippakkeġġjar (skart separat). Il-Kunsill qabel ma' dan l-abbozz ta' ftehim, iżda peress li d-Dipartiment għall-Gvern Lokali qed jesiġi li nġibu offerta mingħand skemi oħra, se niddiskutu dan meta jkollna l-proposta tal-Green Pak.

9.03 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta abbozz ta' Ftehim ta' Aċċettazzjoni bejn il-Bord tat-Tmexxija tal-Fond ta' ko-Finanzjament – CV7237 u l-Kunsill Lokali Il-Munxar.
Permezz ta' dan il-Ftehim ta' Aċċettazzjoni, il-Kunsill ser jingħata għajnuna mill-Fond ta' ko-Finanzjament għall-proġetti tal-Unjoni Ewropea sabiex jitwettaq il-proġett intitolat *Pedestrianising Il-Munxar's village square* ffinanzjat minn Measure 413.4 of the Gozo Development Strategy. Il-proġett sħiħ huwa stmat li jiswa €64,546 u permezz ta' dan il-ftehim il-Kunsill ser jingħata s-somma ta' €17,668.10 VAT inkluża mill-Bord tat-Tmexxija tal-Fond ta' ko-Finanzjament.
Kien hemm qbil li dan il-ftehim jiġi ffirmat.

**10.00 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera.**

10.01 Is-Sur Ryan Debrincat talab li jinqata' l-ħaxix f'passaġġ li jagħti minn Triq San Pawl għal ġol-wied. Huwa staqsa dwar il-*corner mirror* li qed jitlob sid ta' *garage* fi Triq San Pawl, Il-Munxar peress li biex joħroġ il-vettura mill-*garage* qed tkun ta' periklu. Is-Sindku infurmah li din ser issir minn Transport Malta. Huwa fakkar ukoll dwar is-*slow sign* li għandha ssir fi Triq San Pawl. Semma li l-WiFi tax-Xlendi ma huwiex jaħdem, li l-bruk tal-Pjazzetta ta' Triq San Xmun għandu bżonn iż-żabra u li l-bankina li qiegħda ssir fi Triq il-Ġostra quddiem il-Moby Dives qed issir sa nofs it-triq. Hemm il-bżonn li jsir ftit *patching* fil-bidu ta' Triq ix-Xatba.

10.02 Is-Sur Robert Mallia staqsa dwar il-*Bus Shelter* li għandha ssir quddiem id-daħla ta' Ġnien il-Professur Ġużè Aquilina peress li ġiet approvata minn Transport Malta u għadha ma saritx. Huwa staqsa dwar il-ħitan imwaqqgħin fi triq li tagħti għal Tas-Sanap. Dwar dawn il-ħitan, il-Kunsill talab lill-ħaddiema tas-CMU.

10.03 Is-Sinjura Carmen Said infurmat lill-Kunsill li ħajt li qed fil-kantuniera ta' Triq il-Munxar taħt l-ex-Andar Hotel twaqqa' u għandu bżonn li jitranġa mingħajr dewmien. Hija talbet ukoll sabiex il-qasab tal-Wied tax-Xlendi li qed ma' ġenb l-arkata jinqata' sabiex ma jkunx ta' ostaklu għat-traffiku.

10.04 Is-Sur Saviour Spiteri ssuġġerixxa li l-pulfido li sar fil-Pjazza tal-Knisja għandu jingħata *sealer*.

**11.00 Materji oħra.**

11.01 Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-Għaqda tal-Armar tal-Festa qed jitolbu sabiex isiru żewġ toqbiet fi Triq San Pawl. Kien hemm qbil dwar dan.

11.02 Is-Sindku ssuġġerixxa li jiġi pprintjat ktejjeb fejn jiġu spjegati x-xogħlijiet u attivitajiet li saru matul din il-leġislatura. Issuġġerixxa wkoll li għandu jsir l-inawgurazzjoni tal-ewwel fażi tal-Pjazza tal-Knisja u l-Mitħna Sotterranja tax-Xlendi. Kien hemm qbil dwar dan.

11.03 Is-Sindku informa lill-Kunsill li saret talba sabiex issir bozza ma' arblu quddiem Villa Mercieca fi Triq Ras il-Bajjada.

11.04 Ġie deċiż li l-laqgħa mal-Kumitat tal-Munxar Falcons FC rigward il-kamra ta' Ġnien il-Professur Ġużè Aquilina ser issir fil-5 ta' Frar 2015, fil-5 ta' filgħaxija.

Il-laqgħa spiċċat fid-8.45 ta' filgħaxija u ġie miftiehem li laqgħa oħra ssir nhar l-Erbgħa, 25 ta' Frar 2015, fil-5.00 ta' filgħaxija.

**Joseph Sultana**
***Sindku.***

**Anthony Grech**
***Segretarju Eżekuttiv.***